MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1578/1999/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti u mandatarji tas-socjeta estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Grima Furniture (1960) Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 975716)**

**vs**

**Joe Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm813.00,0 rappresentanti danni sofferti mill-assigurat tal-attur f'incident li gara fit-22 u 23 ta' Settembru 1997 meta dahal kwantita ta' ilma fil-fabbrika

tal-assigurat tal-attur, liema hsarat graw unikament bi htija u responsabilta tal-konvenut billi naqas li izomm l-propjeta fil-pussess tieghu skond l-arti u s-sengha u naqas li jipprovdi mezz sufficjenti sabiex l-ilma tax-xita joskula minghajr ma jaghmel hsara u billi parti mill-bejt ma kienx debitament sigillat.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa:

a) illi fl-ewwel lok ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur.

b) Illi fit-tieni lok l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma hux responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta' attrici peress li dejjem ha dawk il-kawteli necessarji fil-ligi.

d) Illi fl-ahhar nett irid jigi pprovat li d-danni tassew gew sofferti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza preliminari tirreferi ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u in rigward taghhom ghandu jinghad is-segwenti-

i) Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sottomessa a basi tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess artikolu jghid illi l-azzjonijiet ghad-danni, mhux risultanti minn reat kriminali, huma preskritti bit-trapass ta' <u>sentejn</u>. Fil-kaz in esami, jinghad li l-incident in kwistjoni gara "<u>fit-22 u 23 ta' Settembru 1997" waqt li l-avviz in esami gie intavolat fl-1 ta' Novembru 1999</u>. Bejn dawn iz-zewg dati, ma kienx gie ppresentat xi att gudizzjarju

sabiex jinterrompi id-dekorrenza tal-istess perjodu ta' preskrizzjoni. Inoltre ma irrisultax minn xi provi li l-konvenut b'xi mod kien irrikonoxxa jew ammetta li kien debitur tas-socjeta' attrici nomine jew ta' dik assikurata.

Illi, inoltre, ma giex ikkontestat illi, b'xi mod, l-artikolu 2153 ma hux applikabbli ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, anke jekk bi ftit granet, jidher li l-azzjoni in esami hi preskritta a basi tal-artikolu hawn fuq citat.

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara l-azzjoni preskritta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------